MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN
MALTA
MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*
*Department for Local Government*

LCD 13/1994/IX

7 ta' Diċembru 2004

Sindki u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 31/2004**
**L-IFFISSAR TAL-LAQGĦAT U TAL-ĦINIJIET TAL-KUNSILL**

Dan id-Dipartiment ta' sikwit jirċievi lmenti minn diversi Kunsilliera rigward l-iffissar ta' laqgħat tal-Kunsill fejn qed jingħad li l-ħinijiet tal-laqgħat qed ikunu kunfliġġenti mal-ħinjiet tax-xogħol normali tagħhom. Dan il-fatt qed ixekkilhom milli jattendu għal laqgħat u għalhekk jimpedihom milli jaqdu d-dmirijiet tagħhom bħala Kunsilliera.

Id-Dipartiment jiġbdilkom l-attenzjoni li m'għandu jsir xejn li jxekkel lil xi Kunsillier milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Għal dan il-għan inħasset il-ħtieġa li terġgħu tiġu mfakkra dwar ir-regolamenti li joħorġu mill-Proċeduri tal-Kunsilli (Laqgħat), K.L.P. 7/1996 dwar l-iffissar tal-laqgħat tal-Kunsill. Regolament P7.04 (a.03) jispeċifika x'għandu jsir fl-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill fejn għandu jiġi deċiż:

"*(i)* *fejn għandu jiltaqa' regolarment;*
*(ii)* *kull meta għandu jiltaqa' – darba fix-xahar, kull ħmistax, eċċ;*
*(iii)* *fi x'ħin għandu jiltaqa' ……….. fuq bażi permanenti sakemm idum il-Kunsill; u*
(iv) *iż-żmien u tul tal-vaganzi ta' l-Għid, is-Sajf u l-Milied."*

Għaldaqstant intom mitlubin sabiex timxu strettament ma' dawn il-proċeduri sabiex jiġu evitati konflitti bla bżonn.

NATALINO ATTARD
DIRETTUR (GVERN LOKALI)

Kopji: Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Parlamentari Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Awditur Ġenerali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26/28 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21226534/5/6 FAX: 21224904